# Heritage Malta tiċċelebra l-identità l-ġdida tagħha b'Open Day speċjali f'siti fil-Belt Valletta

**Stqarrija | 30 ta' Mejju 2022**

Bħala parti mill-attivitajiet marbutin mat-tnedija tal-identità l-ġdida ta' Heritage Malta, u fl-ispirtu tas-slogan il-ġdid tal-aġenzija 'Parti minna', nhar il-Ħadd li ġej, 5 ta' Ġunju, se ssir Open Day speċjali f'erba' siti u mużewijiet ta' Heritage Malta fil-Belt Valletta.

Dawn is-siti, li l-pubbliku se jkun jista' jżurhom bla ħlas, huma l-Palazz tal-Gran Mastru, MUŻA, il-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija u l-Forti Sant'Iermu. Se jkun hemm ukoll numru ta' artefatti interessanti murija fil-pjazez ewlenin tal-kapitali.

Dakinhar il-pubbliku se jkollu l-opportunità li jidħol fil-Palazz tal-Gran Mastru, li bħalissa qed jinżamm magħluq minħabba l-proġett ta' restawr estensiv li għaddej fis-swali u l-kurituri tiegħu. Il-pubbliku se jkun jista' jara l-progress kbir li sar fix-xogħlijiet s'issa, partikolarment fl-Uccelliera (li qabel kienet l-uffiċċju tal-Ispeaker tal-Parlament) u fl-Armerija (is-sala li sa ftit snin ilu kienet isservi bħala l-Kamra tad-Deputati). Il-viżitaturi se jiddawru mal-palazz u jingħataw dettalji dwar ix-xogħol li għaddej f'seba' tours gwidati li se jsiru kull siegħa, bl-ewwel tour ikun fl-10.00am u l-aħħar wieħed jibda fl-4.00pm. F'kull tour jistgħu jidħlu massimu ta' 40 persuna, b'min jasal l-ewwel jinqeda l-ewwel. Id-dħul ikun mill-bieb tal-Palazz li jinsab fi Triq il-Merkanti. Ħadd ma jitħalla jdur fil-Palazz jekk mhux bħala parti minn tour.

Fil-Forti Sant'Iermu, il-pubbliku mhux biss se jkun jista' jdur mal-post iżda se jsib jistennewh ukoll diversi re-enactments li se jsiru kull siegħa mill-10.00am 'il quddiem. Il-gruppi li se jieħdu ħsieb dawn ir-re-enactments huma Legio X Fretensis Malta, li se jiffoka fuq il-ħajja ċivili u militari fi żmien ir-Rumani, u Show of Arms, li se jixħet dawl fuq il-perjodu Medjevali tardiv u jinkludi xeneġġjaturi ta' ġlied bix-xwabel u sparar ta' armi. Fil-forti se jkun hemm esebita waħda mix-xarabanks antiki li issa huma parti mill-Kollezzjoni Nazzjonali.

Fil-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija se jsiru erba' tours gwidati. It-tours tal-10.00am u tas-1.00pm ikunu bil-Malti, filwaqt li dawk tal-11.00am u tas-2.00pm se jsiru bl-Ingliż.

Żewġ tours gwidati oħra se jsiru f'MUŻA – wieħed bil-Malti fl-10.00am u ieħor bl-Ingliż fis-2.00pm. Dawn it-tours tħejjew b'kollaborazzjoni bejn it-tim kuratorjali tal-mużew u t-Taqsima tal-Education and Outreach ta' Heritage Malta. Fihom se jitqassmu worksheets maħsubin biex jgħinu lill-parteċipanti – kemm it-tfal kif ukoll l-adulti li jakkumpanjawhom – ifittxu u jiskopru aktar dwar il-kollezzjonijiet għall-wiri.

Id f'id mal-Open Day speċjali tal-Ħadd li ġej, dakinhar se titnieda wkoll wirja ta' artefatti mxerrda mal-mużewijiet u s-siti kollha ta' Heritage Malta. Il-wirja se tibqa' għaddejja tul

+356 2295 4000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta

Ġunju kollu u l-artefatti esebiti fiha jkomplu jiżvolġu t-tema tal-vjaġġ li għalih qed issalpa Heritage Malta permezz tal-identità l-ġdida tagħha.

Matul din il-wirja, b'set-up magħmul minn materjal riċiklat, l-aġenzija se tkun qed issaħħaħ ukoll l-impenn tagħha favur is-sostenibbiltà ambjentali. Kull min jattendi għall-Open Day tal-5 ta' Ġunju se jingħata bookmark b'tifkira ta' din il-wirja.
.

+356 2295 4000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta